MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 300/2002/1

**Rikors numru 300/02DM**

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Saviour Dalli**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta’ elfejn disa mija u sbatax il-lira (Lm2917) in kwantu ghas-somma ta’ elfejn hames mija u hamsa u tmenin lira (Lm2585) import ta’ hamsa u ghoxrin (25) kambjali anness u markati minn dokument 1 sa dokument 25 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet, in kwantu ghas-somma ta’ mija u zewg liri (Lm102) bhala prezz ta’ merci lilu mibjugha u kkonsenjati u in kwantu ghas-somma ta’ mitejn u tletin lira

(L230) bhala imghaxijiet legali sad-data tal-prezentata tal-avviz fuq dawn l-ammonti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kalkolati mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat il-kambjalijiet originali pprezentati qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn disa mija u sbatax il-lira (Lm2917) ghar-ragunijiet indikati fl- avviz bl-imghaxijiet legali fuq il-kapitali ta' Lm2585 (elfejn hames mija u hamsa u tmenin lira Maltin) u Lm102 (mija u tnejn liri Maltin) b'effett mil-1 ta' Novembru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.